



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2011/0296(COD)**

7.6.2012

## **EMENDI 21 - 23**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Eva Joly**  
(PE489.531v02-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament [EMIR] dwar id-derivati OTC, il-kontropartijiet ċentrali u r-repożitorji tan-negozju

Proposta għal regolament  
(COM(2011)0652 – C7-0359/2011 – 2011/0296(COD))

AM\_Com\_LegOpinion

**Emenda 21**  
**Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) li d-ditti tal-investment jaġġornaw regolarment il-prezzijiet tal-offerti ppubblikati skont l-Artikolu 13 u jżommu prezzijiet li jirriflettu l-kondizzjonijiet **prevalenti** tas-suq;

*Emenda*

(a) li d-ditti tal-investment jaġġornaw regolarment il-prezzijiet tal-offerti ppubblikati skont l-Artikolu 13 u jżommu prezzijiet li jirriflettu l-kondizzjonijiet tas-suq;

Or. it

**Emenda 22**  
**Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-ditti tal-investment għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal tal-inqas **5 snin**, id-dejta rilevanti relatata mat-tranżazzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li wettqu, kemm jekk f'isimhom kif ukoll jekk f'isem il-klijent. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet imwettqa f'isem il-klijenti, ir-rekords għandhom jinkludu l-informazzjoni u d-dettalji kollha tal-identità tal-klijent, u l-informazzjoni meħtieġa skont id-Direttiva 2005/60/KE. L-AETS tista' titlob aċċess għal dik l-informazzjoni skont il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Emenda*

1. Id-ditti tal-investment għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, għal tal-inqas **10 snin**, id-dejta rilevanti relatata mat-tranżazzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji li wettqu, kemm jekk f'isimhom kif ukoll jekk f'isem il-klijent. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet imwettqa f'isem il-klijenti, ir-rekords għandhom jinkludu l-informazzjoni u d-dettalji kollha tal-identità tal-klijent, u l-informazzjoni meħtieġa skont id-Direttiva 2005/60/KE. L-AETS tista' titlob aċċess għal dik l-informazzjoni skont il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. it

**Emenda 23**  
**Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 4 – it-tieni inċiż – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq billi jipprevjeni abbuż tas-suq f'forma ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

*Emenda*

(d) jiżgura t-trasparenza u l-integrità tas-suq billi jipprevjeni abbuż tas-suq f'forma ta' **spekulazzjoni u ta'** abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq.

Or. it